# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 555/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alfred Grixti**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant, Alfred Grixti, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 123268M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti ghax-xhur ta' **Marzu, April, Mejju u Gunju 2016**, f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Maria Grixti, is-somma ta' €200, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Novembru, 2016 li biha sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal xahar prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Grixti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza sudetta u

tilliberah minn kull piena w imputazzjoni skond il-Ligi jew, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax fis-sens hawn mitlub, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat is-sentenza preliminari taghha tas-27 ta' Marzu, 2017;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza fuq il-mertu wara li b'sentenza tas-27 ta' Marzu, 2017, din il-Qorti iddisponiet mill-aggravju ta' natura procedurali mqanqal mill-appellant dwar li l-ewwel Qorti ghaddiet biex tipprolata s-sentenza taghha fuq il-mertu meta huwa kien qed jistenna sentenza dwar eccezzjoni preliminari;
2. Din il-Qorti ser tikkonsidra *in primis* ir-raba' aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata fejn l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti naqset milli taghti l-motivazzjoni taghha ghas-sejbien ta' htija u li ghalhekk din ma tirrispettax il-vot tal-ligi. Is-sentenza appellata, izda, ma tippekka minn ebda nuqqas ta' formalita' rikjesta mill-artikolu 382 tal-Kapitolu 9. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**

3. Meta fis-sentenza taghha l-Qorti ssemmi, u f'dan il-kaz tirriproduci, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, tkun essenzjalment qed tghid il-**fatti** li dwarhom huwa kien ipprocessat b'mod allura li ikun sodisfatt ir-rekwizit kontemplat fl-artikolu 382. Dan il-punt kien mertu ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom Il-Pulizija vs Peter Abdilla 28.7.2010; Il-Pulizija vs Mariella Caruana 1.12.2010; Il-Pulizija vs John Tanti 24.1.2013 u l-Pulizija vs Carmelo Polidano 11.12.2013. Meta l-artikolu 382 jitlob li jissemmew il-fatti ma jkunx qed jitlob ukoll ir-ragunijiet, jew motivazzjoni li wasslu ghas-sejbien ta' htija. Il-legislatur jiddistingwi bejn il-fatti u l-motivazzjonijiet tant illi fl-artikolu 662(2) tal-Kodici Kriminali jsemmi b'mod car illi "**kull decizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, ghandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti ghal dik id-decizzjoni**". Ghal fini ta' validita' ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalhekk, indikazzjoni tal-fatti fil-forma ta' riproduzzjoni tal-imputazzjoni, li ma hi xejn ghajr il-fatt imputat, tissodisfa r-rekwizit ravvizat fl-artikolu 382. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

4. Lura ghall-ewwel aggravju tal-appellant, dan jitratta dwar il-validita' tad-dokument esebit mill-kwerelanta quddiem l-ewwel Qorti u dan ghaliex *qua* digriet ta' Qorti kellha tkun esebita vera kopja legali ffirmata mir-registratur tal-Qorti u mhux vera kopja ffirmata minn avukat. Fl-atti processwali hemm inserita kopja ta' digriet mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li bih l-appellant kien ordnat, *inter alia,* ihallas lill-Mary Grixti s-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment *pendente lite* ghall-minuri. Issa, ghalkemm kif gia senjalat fis-sentenza preliminari, l-verbal tas-seduta quddiem l-ewwel Qorti ma jindika bl-ebda mod li kien esebit dan id-dokument, l-appellant jaqbel li kien hekk esebit izda jikkwerela l-validita' tieghu ghaliex muhiex kopja legali mahrug

taht il-firma tar-registratur tal-Qrati bil-konsegwenza illi skartat dan id-dokument, ma hemm l-ebda prova li hu kien obligat ihallas manteniment kif tallega l-parti leza;

5. L-appellant donnu qieghed jikkonfondi l-kwistjoni tal-ammissibilita ta' dokument mal-valur probatorju tieghu. Kwantu ghal-prova permezz ta' dokument, l-artikolu 520(1)(3) tal-Kodici Kriminali jaghmel applikabbli l-artikolu 627 sa 637 tal-Kodici ta' Organzizazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta bl-eskluzzjoni tal-artikolu 634. L-ewwel minn dawn l-artikolu, 627 (e), jipprovdi li l-atti u r-registri tal-qrati tal-gustizzja u tal-qrati ekklezjastici ta' Malta huma ammissibbli bi prova **bla ma tkun mehtiega ebda prova ohra** ta' awtenticita' taghhom. Id-digriet in kwistjoni huwa kopja u ghalhekk dan is-subartikolu mhux applikabbli u jkun jehtieg prova ohra ghall-fini ta' awtenticita'. L-artikolu 636(1) imbaghad jipprovdi li jistghu jigiebu bi prova kopji awtentici tad-dokumenti msemmija *inter alia* fl-artikolu 627 allura komprizi l-atti u registri tal-qorti u skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu "il-kopji jitqiesu awtentici, meta huma maghmula fil-forma li trid il-ligi mill-ufficcjal li jkun ircieva jew li jkun merfugh ghandu l-original, jew mill-persuna awtorizzata legalment ghaldaqshekk u bis-subartikolu (3), il-kopji awtentici jaghmlu prova xorta wahda bhall-originali. Il-kwezit li isegwi ghalhekk hu: x'valur prabatorju ghandu dokument li fih inniffsu mhux originali jew mhux awtentikat skond il-ligi? Fil-kaz odjern ir-risposta hija wahda li wiegeb ghaliha l-appellant stess meta xehed illi kkonferma bil-gurament tieghu illi huwa ghandu jaghti s-somma ta' €800 lill-kwerelanta u ma setghax ihallas dan l-ammont minhabba li kien impedut milli jahdem wara li kiser idu waqt li kien xoghol. Il-valur probatorju tal-kopja tad-digriet mhux awtentikata ghalhekk ipprokurah l-istess appellant bix-xhieda tieghu u dan l-aggravju qed ikun michud;

6. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi d-digriet mertu tal-aggravju appena konsiderat jintitola lil Mary Grixti li tippercepixxi l-manteniment u mhux lil Maria Grixti kif indikat fl-imputazzjoni. Dan l-aggravju huwa wiehed fierah ghaliex fl-ewwel lok fuq skorta ta' gurisprudenza kompjuza, c-citazzjoni dejjem kienet meqjusa bhala *avviso da comparire* bl-iskop li meta l-imputat jingieb il-Qorti ikun jaf dwar liema fatti qed ikun imputat u fit-tieni lok il-varjanza bejn Mary u Maria fi proceduri konsimili hija daqstant insinjifikanti u ta' ebda konsegwenza;

7. It-tielet aggravju jitlob ghas-smiegh fil-mertu u din il-Qorti wara li semghet ix-xhieda sejra proprju tghaddi ghall-gudizzju taghha in rigward. Il-kwistjoni odjerna hija radikata minn nuqqas ta' hlas ta' manteniment mensili lill-kwerelanta fuq medda ta' erba' xhur. L-istess kwerelanta tghid illi r-raguni li l-appellant ma jirdx ihallas u li dwaru waslet biex taghmel rapport mal-Pulizija hi li dejjem jghid li mghandux flus. Meta ingema bilanc ta' €800, l-appellant weghdha li kien ser jiba jhallas €50 aktar kull xahar biex jissalda d-debitu tieghu izda qatt ma wasal u issa mhix ser taccetta ghajr is-somma intiera f'pagament wiehed;

8. L-appellant *ex admissis*, iddikjara illi ghandu jaghti l-manteniment lamentat fic-citazzjoni u spjega kif kien waqa' lura fil-hlas minhabba li kien kiser idu fuq ix-xoghol. Huwa dahal fi ftehim mal-kwerelanta biex jibda jhallas dan l-ammont ftit ftit izda l-kwerelanta wara ftit irrifjutat u qed tistenna hlas tas-somma f'pagament wiehed. Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, il-hlas tal-manteniment minn Lulju 2016 'l quddiem huwa wiehed regolari u hija l-insistenza tal-parti civili li tithallas l-ammont intier tal-erba' xhur precedenti li qed izzomm lill-appellant milli jhallas. Issa, jekk l-appellant ma kienx f'qaghda li jhallas minhabba korriment fuq xoghol hija kwisjtoni ohra li din il-Qorti, kif inghad wisq drabi, ma tistax tidhol fiha u li kien jispetta lill-appellant jirrikorri lejn il-Qorti kompetenti ghall-varjazzjoni tal-ordni ta' hlas sakemm jerga

isib xoghol. Teknikament ghalhekk l-imputazzjoni tirrizulta u l-ewwel Qorti kienet legalment u ragjonevolment korretta fis-sejbien ta' htija. L-insistenza tal-kwerelanta, izda, li ma taccettax hlas rateali minhabba korriment waqt li l-appellant ikun kurrenti fil-hlas ta' €200 fix-xahar timmerita konsiderazzjoni kwantu l-piena;

9. Ghal dawn il-mottivi, filwaqt illi tichad it-talba ghat-thassir tas-sentenza appellata, tilqa' t-talba ghar-riforma taghha u konsegwentement filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata kwantu din sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-xahar prigunerija u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' hamsin (50) euro;